IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.10.2023
COM(2023) 588 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni permezz tar-Regolament (KE) Nru 451/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi klassifikazzjoni statistika ġdida tal-prodotti skond l-attività (KPA) u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3696/93

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (KE) Nru 451/2008[1] tat-23 ta' April 2008 ħoloq klassifikazzjoni statistika ġdida tal-prodotti skont l-attività (CPA). Din il-biċċa leġiżlazzjoni tiżgura li l-klassifikazzjonijiet Ewropej ikunu rilevanti għar-realtà ekonomika u ttejjeb il-komparabbiltà tal-klassifikazzjonijiet nazzjonali, Ewropej u internazzjonali. Għalhekk, ittejjeb il-komparabbiltà tal-istatistika nazzjonali, Ewropea u internazzjonali.

Il-klassifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi (NACE) ġiet aġġornata dan l-aħħar permezz tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2023/137 tal-10 ta' Ottubru 2022[2]. Barra minn hekk, fil-54 sessjoni tal-Kummissjoni tal-Istatistika[3] tan-Nazzjonijiet Uniti ġie stabbilit objettiv li fl-2024 issir reviżjoni tal-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti (CPC). Peress li n-NACE u s-CPC huma t-tnejn klassifikazzjonijiet ta' referenza tas-CPA, is-CPA jenħtieġ li tiġi aġġornata dalwaqt biex jibqa' jkollha komparabbiltà u konsistenza mal-istandards tal-klassifikazzjoni tal-attività tal-prodotti u tal-ekonomija użati fil-livell internazzjonali.

L-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 451/2008[4] jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta, f'konformità mal-Artikolu 6a tar-Regolament, atti delegati li jemendaw l-Anness tar-Regolament biex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi jew teknoloġiċi jew biex is-CPA tiġi allinjata ma' klassifikazzjonijiet ekonomiċi u soċjali oħra.

Skont it-termini tal-Artikolu 6a(2), is-setgħa li tadotta atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin, li jibda mis-26 ta' Lulju 2019. Is-setgħat delegati se jiġu estiżi b'mod taċitu għal perjodi addizzjonali ta' ħames snin, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni sa mhux aktar tard minn 3 xhur qabel tmiem kull perjodu.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni obbligata tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel jintemm il-perjodu ta' ħames snin. Dan ir-rapport jissodisfa dak l-obbligu.

2. EŻERĊIZZJU MILL-KUMMISSJONI TAS-SETGĦAT DELEGATI SKONT IR-REGOLAMENT (KE) NRU 451/2008

Mis-26 ta' Lulju 2019 sal-lum, il-Kummissjoni għadha ma eżerċitatx is-setgħa tagħha li tadotta atti delegati mogħtija lilha mill-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 451/2008.

---

1 Ir-Regolament (KE) Nru 451/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi klassifikazzjoni statistiska ġdida tal-prodotti skond l-attività (KPA) u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3696/93 (ĠU L145, 4.6.2008, p. 65).

2 Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/137 tal-10 ta' Ottubru 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 (ĠU L 19, 20.1.2023, p. 5).

3 Ara 54/112(d) tar-Rapport dwar l-erbgħa u ħamsin sessjoni (it-28 ta' Frar sat-3 ta' Marzu 2023) tal-Kummissjoni tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti (E/2023/24-E/CN.3/2023/37) hawn: https://unstats.un.org/UNSDWebsite/statcom/session_54/documents/2023-37-FinalReport-E.pdf

4 Ir-Regolament (UE) 2019/1243 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jadatta għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 241).

3. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni għadha ma eżerċitatx is-setgħa li tadotta atti delegati kif mogħtija lilha mir-Regolament (KE) Nru 451/2008. Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta' dan ir-rapport.

Il-Kummissjoni jidhrilha li jeħtieġ li jibqa' jkollha s-setgħat delegati skont ir-Regolament (KE) Nru 451/2008, peress li fil-futur jeħtieġ tadotta atti delegati fil-ħin meħtieġ biex taġġorna regolarment il-klassifikazzjoni tas-CPA. Billi tista' taġġorna l-klassifikazzjoni tas-CPA permezz ta' att delegat, il-Kummissjoni se tkun tista' tappoġġa s-Sistema Statistika Ewropea billi tipprovdi klassifikazzjoni li tippermetti l-kisba ta' statistika akkurata: (i) ta' kwalità għolja; (ii) li tkun tirrifletti l-istruttura tal-ekonomija tal-Unjoni Ewropea; u (iii) konsistenti ma' klassifikazzjonijiet ekonomiċi u soċjali oħra.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta' dan ir-rapport.